**1 ta' Frar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelo Sultana

*versus*

Michele Scicluna

**Pagament — Rinunzja — Rexissjoni — Indebitu — Preskrizzjoni.**

*Skrittura privata li per mezz tagħha waħda mil-partijiet tħallas lill-parti l-oħra somma ta' flus, u in vista ta' dak il-pagament dik il-parti l-oħra tiddikjara li ma għandhiex ebda dritt jew pretensjoni fuq ċertu fond, u fl-istess ħin tobliga ruħha li tirrestitwixxi dawk il-flus lill-parti li ħallsithom fil-każ illi ċertu negozju li l-parti li ħallsithom kienet bi ħsiebha tagħmel ma' ħadd ieħor ma jseħħx, ma tikkostitwix rinunzja valida għal drittijiet immobiljari favur il-parti li ħallset il-flus; għax fl-assenza tal-att publiku meħtieġ mill-liġi għal rinunzja simili dik id-dikjarazzjoni ma hi produttiva ta' ebda effett ġuridiku u ma tiswa xejn. U jekk in-negozju li l-parti li ħallset il-flus kienet bil-ħsieb li tagħmel ma jseħħx, tavvera ruħha definittivament il-kondizzjoni li taħtha ġie assunt l-obligu tar-restituzzjoni tal-flus, u l-parti li rċevicthom hija obligata tirrestitwihom lill-parti li ħallsithom.*

*Il-parti li titlob ir-restituzzjoni tal-flus ma għandhiex għalfejn titlob ukoll ir-rexissjoni tal-iskrittura; għax dik il-parti tkun qegħdha tippresupponi l-effikaċja tal-ftehim tal-iskrittura dwar ir-restituzzjoni tal-flus, u tibbaża l-azzjoni tagħha preċiżament fuq dak il-ftehim.*

*L-azzjoni għar-restituzzjoni tal-flus f'każ simili mhix suġġetta għall-preskrizzjoni ta' sentejn preskritta mill-liġi għall-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' ndebitu; għax l-azzjoni ma hix bażata fuq pagament magħmul bi żball, imma fuq pagament magħmul bla kawża. U lanqas ma hija applikabbli għal din l-azzjoni l-preskrizzjoni ta' sentejn preskritta mill-liġi għall-azzjoni ta' rexissjoni tal-obligazzjonijiet; għax l-*

*azzjoni mhix diretta biex il-ftehim jiġi annullat, anzi hi ntiża biex l-obligazzjoni tiġi, għall-kuntrarju, adempjuta, u biex il-flus jiġu restitwiti appuntu bis-saħħa tal-ftehim fiha stipulat. Il-preskrizzjoni li tolqot azzjoni simili hija, inveċe, dik ta' ħames snin.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maesta Tagħha r-Reġina, li bih l-attur, wara li ppremetta illi hu ħallas lill-konvenut issomma ta' £48.1.2. bħala korrispettiv tar-rinunzja tal-istess konvenut għall-pretensjonijiet u drittijiet tiegħu fuq innofs indiviż tal-fond Ħal-Qormi, jiġifieri razzett fi Strada Piazzetta numru 63 jew ieħor verjuri, Sqaq Tnejn, bl-obligu però illi jirrifondilu din is-somma jekk u kemm il-darba ma jseħħx in-negozju li hu kellu jagħmel ma' ċerta Petronilla armla ta' Giuseppe Bugeja (dok. A); u illi fil-fatt, kif kellu jiġi pruvat, dan in-negozju ma seħħx, u għalhekk hemm lok għar-rifużjoni tal-istess somma, sija minħabba li, riżoluta t-transazzjoni għal kwalsijasi raġuni, il-pagament fuq imsemmi sar bla kawża, u għal kwalunkwe raġuni oħra valida tal-liġi; talab illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, il-konvenut jiġi kundannat jirrifondilu u jħallsu s-somma fuq imsemmija ta' £48.1.2 in eżekuzzjoni tal-obligu fuq imsemmi, assunt mill-konvenut kif fuq ingħad, u anki stante nnuqqas ta' kawża tal-pagament, u għal kwalunkwe raġuni oħra valida fil-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Ottubru 1958, u bl-imgħaxijiet legali;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Mejju 1962, li biha (a) ċaħdet iż-żewġ eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni bijennali opposta mill-konvenut, u (b) laqgħet it-talba talattur, bl-ispejjeż kontra l-konvenut, bl-interessi legali middata tas-sentenza; wara li kkunsidrat;

Illi bi skrittura tat-13 ta' Frar 1938, magħmula fost oħrajn bejn l-attur u l-konvenut, ġie dikjarat u konvenut li l-attur ħallas £48.1.2 lill-konvenut, li ddikjara li kien qiegħed jirċevihom, u in vista ta' dak il-pagament il-konvenut iddikjara li ma għandu ebda pretensjoni u ebda dritt rigward in-nofs indiviż tal-post f'Ħal-Qormi ndikat fiċ-ċitazzjoni, li allura kien jinsab fil-poter tal-attur, u li anzi għandu

jagħmel mill-aħjar li jista' b'ex l-attur ma jiġix imfixkel fin-negozju li kellu jagħmel ma' Petronilla armla minn Giuseppe Bugeja biex jakkwista minn għandha l-kwart indiviż tal-istess post; u l-konvenut ipprometta u obliga ruħu li, kemm il-darba l-imsemmi negozju li kellu jagħmel l-attur ma' Petronilla Bugeja ma jseħħx, hu jerġa' jagħti lura l-ammont fuq imsemmi lill-attur. In-negozju ma seħħx, għaliex ġ'e deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fl-10 ta' Jannar 1955 in re "Sultana vs. Bugeja", b'konferma tad-deċiżjoni ta' din il-Qorti mogħtija fil-5 ta' Ottubru 1954, li, apparti kull kwistjoni li seta' jkun hemm, il-ftehim li l-attur kien għamel ma' Giuseppe r-raġel tal-imsemmija Petronilla Bugeja qabel ma dan miet, li minnu kien jiddependi jseħħx jew le n-negozju msemmi, kien null u ta' ebda effett għaliex sar biss verbalment, mentri kien messu sar bis-solennità rikjesta mill-liġi, billi kien jirrigwarda trasferiment ta' fond. Billi n-negozju ma seħħx, l-attur jippretendi, in bażi għall-ewwel kawżali dedotta fiċ-ċitazzjoni, li l-konvenut għandu jirrestitwilu s-somma ta' £48.1.2. fit-termini tal-obligazzjoni minnu assunta bl-imsemmija skrittura;

Illi l-konvenut, kif xehed, ma jopponix li rċieva din is-somma minn għand l-attur, imma jopponi r-rifużjoni domandata mill-attur billi jissottometti li l-obligazzjoni minnu assunta mhix suxxettiva ta' eżekuzzjoni minħabba difett sostanzjali fil-forma tal-ftehim, li billi kien jirrigwarda trasferiment ta' immobili, jew rinunzja ta' drittijiet fuq immobili, kien messu sar b'att publiku, u mhux bi skrittura privata;

Din is-sottomissjoni mhix sostenibbli. Tista' tkun ta' ebda effett id-dikjarazzjoni magħmula mill-konvenut f'dik l-iskrittura, li hu ma għandu ebda pretensjoni u ebda dritt rigward il-post Ħal-Qormi ġa msemmi, billi l-istess dikjarazzjoni saret b'sempliċi skrittura, u mhux b'att publiku; imma l-obligazzjoni assunta minnu ma jistgħax jingħad li mhix suġġetta jew suxxettiva ta' eżekuzzjoni, għaliex saret biss bi skrittura u mhux in atti. Il-konvenut obliga ruħu li jirrifondi s-somma ndikata fiċ-ċitazzjoni kemm il-darba n-negozju li l-attur kellu jagħmel ma' Petronilla Bugeja ma jseħħx. Dak in-negozju, tajjeb jew ħażin, u għal raġuni kienet x'kienet, ma seħħx, u għalhekk il-konvenut għandu jirrifondi lill-attur is-somma msemmija skond l-obligazzjoni minnu assunta;

Illi bin-nota tiegħu preżentata fis-27 ta' April 1962 il-konvenut oppona l-preskrizzjoni bijennali għad-domanda tal-attur in bażi għall-ewwel kawżali, billi ssottometta li l-attur qiegħed jitlob ir-rifużjoni ta' flus li ħallsu ndebitament. Din il-preskrizzjoni opposta mill-konvenut mhix applikabbli għall-każ taħt konsiderazzjoni. L-imsemmija preskrizzjoni bijennali tikkontempla l-każ ta' rifużjoni ta' dak li jkun ġie mogħti jew imħallas bi żball, mentri l-attur mhux jippretendi li ta jew li ħallas bi żball is-somma msemmija lill-konvenut;

Illi l-attur jippretendi li l-konvenut huwa tenut li jħallas l-istess somma anki in bażi għal kawżali oħra, ċjoè għaliex, darba li ġiet riżoluta t-transazzjoni bejnu u l-konvenut, il-pagament ta' dik is-somma li dan irċieva minn għandu jiġi li sar mingħajr kawża. Din il-pretensjoni hija ġustifikata. Hija liġi espressa li kull ħlas jissupponi dejn; il-flus li ta lill-konvenut, u li dan, kif xehed, irċieva minn għandu, l-attur tahomlu minħabba li kellha ssewgi ċerta transazzjoni. Darba dik it-transazzjoni ma segwietx, il-flus li l-konvenut irċieva minn għand l-attur ġie li rċevihom mingħajr kawża, u kwindi għandu jirrestitwihomlu lura;

Illi l-konvenut jopponi anki hawn il-preskrizzjoni bijennali, kif isemmi fin-nota ulterjuri ta' eċċezzjonijiet tiegħu. Din il-preskrizzjoni lanqas ma hija applikabbli għal dan il-każ. L-ewwelnett, fil-każ taħt konsiderazzjoni jittratta mhux minn obligazzjoni mingħajr kawża, imma minn pagament bla kawża. Mbgħad, kif jirrikonoxxi l-istess konvenut fl-imsemmija nota, fil-fatt kienet teżisti kawża meta saret it-transazzjoni bejn il-partijiet. Barra minn dan, l-attur mhux qiegħed jitlob ir-rexissjoni tal-obligazzjoni assunta mill-konvenut, imma anzi qiegħed jitlob l-adempiment ta' dik l-obligazzjoni;

Illi mill-iskrittura fuq imsemmija jirriżulta li l-konvenut irċieva minn għand l-attur is-somma ta' £48.1.2. Il-konvenut, skond ma xehed, jirrikonoxxi li rċieva din is-somma ta' flus minn għand l-attur, għaliex, għalkemm jgħid li ma jafx kemm irċieva, isemmi li l-flus kien irċevihom talli kien ta lill-attur iċ-ċavetta tar-razzet ta' Ħal-Qormi, ċjoè tar-razzett indikat fl-iskrittura. Anzi, il-konvenut jgħid li kien offra u bagħat dawn il-flus lill-konvenut, u bagħathomlu għax kellu jeħodhom;

Illi għalhekk id-domanda tal-attur hija ġustifikata in bażi għaż-żewġ kawżali minnu dedotti fiċ-ċitazzjoni;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, billi jiġu milqugħa l-eċċezzjonijiet tiegħu u jiġu miċħuda t-talbiet tal-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi rriżulta li Giuseppe Bugeja, il-lum mejjet, xtara minn għand diversi sidien u b'kuntratti diversi tliet kwinti mhux maqsuma ta' razzett f'Ħal-Qormi, numru 63 Sqaq Tnejn, fi Strada Piazzetta, u għalkemm deher waħdu fuq il-kuntratt huwa xtara fl-interess u akkont sew tiegħu nnifsu kemm ukoll ta' ħuh Carmelo Bugeja u tal-konvenut Michele Scicluna. B'kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Chapelle tal-10 ta' April 1935 dak Giuseppe Bugeja wella lill-attur bi tpartit dik il-porzjoni ta' tliet kwinti ta' dak ir-razzett b'valur ta' £150, u b'korrispettiv l-attur ta lil Bugeja l-fond f'Conception Street numru 29, fl-Imsida, bil-valur stmat £100 u ekwiparazzjoni ta' £50. Skond il-verżjoni tal-attur, dik il-bidla kienet simulata biex jiġi evitat l-irkupru, u kien sar ftehim bil-fomm bejn l-attur, Giuseppe Bugeja, Carmelo Bugeja u l-konvenut Michele Scicluna illi dak il-fond tal-Imsida kellu jerġa' jiġi mdawwar favur tiegħu meta huwa jħallas lil dawk l-oħrajn sehemhom tal-flus li kienu nefqu għall-fond f'Ħal-Qormi. Dejjem skond l-attur, dan ma kienx laħaq ħallas ta' sehmu lil Giuseppe Bugeja, billi Giuseppe Bugeja laħaq miet fis-26 ta' Settembru 1957. L-istess attur xehed li wara ħallas lill-martu l-armla Petronilla Bugeja, bla ma ħa riċevuta. Sadattant, lill-oħrajn kien ħallashom ta' sehemhom, u dan mhuwiex miċħud. Iżda Petronilla Bugeja ċaħdet li rċeviet il-flus tas-sehem li kellu żewġha, u rruftat li ddawwar dak is-sehem lill-attur. L-attur ħarrikha biex, għan-nom tagħha u bħala tutriċi ta' wliedha minuri, teżegwixxi l-allegat ftehim verbali ta' żewġha, u ddawwar fuqu formalment b'att publiku dak is-sehem; iżda b'sentenza ta' dil-Qorti tal-10 ta' Jannar 1955 il-pretensjoni tal-attur ġiet miċħuda, bl-ispejjeż, billi fl-assenza tal-att publiku jew ta' skrittura privata l-ftehim ta' trasferiment tas-sehem ta' dak l-im-

mobili kien null u ma kienx produttiv ta' effetti ġuridiċi. L-attur talab ir-ritrattazzjoni tal-kawża, iżda anki dik it-talba ġiet miċħuda minn dil-Qorti b'sentenza tas-16 ta' Ġunju 1958;

Irriżulta li in konnessjoni mal-ftehim fuq imsemmi kien sar ftehim ieħor bi skrittura privata għand in-Nutar Alberto Dandria, fit-13 ta' Frar 1938, fejn intqal dan li ġej:— "Carmelo Sultana qiegħed iħallas hawn preżenzjalment lil Michele Scicluna, li jiddikjara li qiegħed jirċievi, £48.1.2, u lil Carmelo Bugeja £24.0.7, li Carmelo Bugeja jiddikjara li qiegħed jirċievi u jaċċetta, u għalhekk iħalli riċevuta lil Carmelo Sultana, kif ukoll iħalli riċevuta l-imsemmi Michele Scicluna. In vista ta' dan il-pagament Michele Scicluna, inkwantu għal nofs indiviż, u Carmelo Bugeja kwantu għal kwart indiviż, jiddikjaraw li ma għandhomx ebda pretensjoni u ebda dritt rigward il-post Ħal-Qormi, jiġifieri razzett fi Strada Piazzetta, li jinsab fil-preżent fil-poter ta' Carmelo Sultana, u li anzi għandhom jagħmlu mill-aħjar li jistgħu biex huwa, Sultana, ma jiġix imfixkel. U jipprometu u jobligaw ruħhom illi, kemm il-darba n-negozju li għandu jagħmel l-imsemmi Sultana ma' Petronilla armla minn Giuseppe Bugeja ma jseħħx skond il-ftehim li ġa sar rigward l-imsemmi post, allura dawn Bugeja u Scicluna jobligaw ruħhom minn issa li jerġgħu jagħtu lura dawn l-ammonti hawn fuq imsemmija lil Carmelo Sultana";

Ikkunsidrat;

Illi huwa fuq dan il-ftehim tal-iskrittura privata li prinċipalment hija bażata t-talba tal-attur dedotta fil-preżenti kawża. B'dik l-iskrittura privata saru tliet negozji ġuridiċi, i.e. ħlas b'riċevuta, rinunzja għal kwalunkwe pretenzjoni fuq l-immobili ta' Ħal-Qormi fuq imsemmi, u obligazzjoni ta' restituzzjoni lill-attur tal-flus li ħallas, kondizzjonata għall-fatt li ma jseħħx in-negozju li l-attur kellu jagħmel ma' Peronilla Bugeja. In-negozju li allura l-attur kellu jagħmel ma' dik Peronilla Bugeja kien li din, għannom tagħha nfisha u għan-nom ta' wliedha li tagħhom kienet tutriċi, trodd u ddawwar fuq l-attur il-fond numru 29 Conċeption Street, Maida, li l-attur kien ta bi tpartit, kif jgħid hu, simulat biex jevita l-irkupru meta Giuseppe Bu-

geja kien tah bi tpartit il-ħames kwinti tar-razzett ta' Ħal-Qormi. Negozji oħrajn ma' Petronilla Bugeja ma kellux. Għal ebda kondizzjoni oħra ma kienet mifthema r-restituzzjoni ta' dawk il-flus. Fuq dan, il-ftehim sar regolari u ċar; u peress li hu ċar u ma jagħti lok għal ebda sens divers mill-miktub, ma hemmx lok ta' ebda nterpretazzjoni diversa tal-intenżjoni tal-partijiet (art. 1045 Kodiċi Ċivili). Li kieku l-partijiet kellhom xi intenzjoni li jissubordinaw l-obligu tar-restituzzjoni għal xi kondizzjoni oħra, bħal ma hi dik ta' retroċessjoni ta' xi sehem mir-razzett ta' Ħal-Qormi, kieku l-partijiet ma kienux sejrin jonqsu milli jniżżlu dik il-kondizzjoni fil-ftehim tal-iskrittura privata li huma għamlu bl-assistenza ta' nutar. Iżda dan ma għamluhx, u l-Qorti ma tistgħax tippresupponi kondizzjoni oħra oltre dik stipulata mill-partijiet stess;

Ma għandux jintnesa li b'korrispettiv tat-tliet kwinti tar-razzett ta' Ħal-Qormi fil-permuta l-attur kien ta lil Giuseppe Bugeja l-fond tal-Imsida, li kien tiegħu waħdu, u t-trasferiment formali tat-tliet kwinti tar-razzett għamlu, u seta" jagħmlu validament, Giuseppe Bugeja biss, għax fl-att tal-akkwist Giuseppe Bugeja biss kien deher, u quddiem it-terzi u skond l-insinwa fir-Reġistru Publiku kien hu biss li kien jidher proprjetarju. Intant, meta Petronilla Bugeja rruftat li trodd u ddawwar fuq l-attur il-fond tal-Imsida, u l-attur tilef il-kawża bis-sentenza fuq imsemmija ta' dil-Qorti, li kkonfermat dik tal-ewwel istanza, avverat ruħha definittivament il-kondizzjoni stipulata għar-restituzzjoni tal-flus da parti tal-konvenut lill-attur; għax in-negozju tal-attur ma' Petronilla Bugeja, kontemplat fl-iskrittura fuq imsemmija, ma seħħx, u l-attur intant baqa' mingħajr il-fond tal-Imsida li bi tpartit kien ta lil Giuseppe Bugeja. Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-attur ma jistgħax jirrofta r-restituzzjoni tal-flus lill-attur;

U tabilħaqq, il-konvenut stess kien fehem sewwa x'kien il-patt stipulat f'dik l-iskrittura privata; għax meta Petronilla Bugeja kkontestat il-pretensjoni tal-attur fuq ir-retroċessjoni tal-fond tal-Imsida hu stess offra li jrodd il-flus lill-attur, kif xehed hu stess fil-kawża li l-attur kien għamel lil Petronilla Bugeja, u li spiċċat bis-sentenza ta' dil-Qorti tas-16 ta' Ġunju 1958. Kien fil-kawża preżenti biss li l-konvenut issubordina l-offerta tar-restituzzjoni għar-retroċessjoni da parti tal-attur ta' ħwejġu, b'allużjoni għar-

*razzett ta' Ħal-Qormi. Iżda mhux dak kien il-ftehim miktub;* u l-konvenut, meta xehed f'din il-kawża fis-6 ta' Ġunju 1961 (fol. 22), qagħad jinħeba wara l-iskuża li kien nesa' li fil-ftehim kien issemma xi negozju ma' Petronilla Bugeja u li kellu jrodd il-flus lill-attur fil-każ li n-negozju tal-attur ma' dik Petronilla Bugeja ma jseħħx. B'dan kollu, il-konvenut fix-xhieda tiegħu stqarr li huwa kien bagħat il-flus lill-attur għax dan kellu jeħodhom;

Ikkunsidrat;

Illi lanqas jista' jingħad li bl-iskrittura privata fuq imsemmija l-konvenut ittrasferixxa xi ħaġa lill-attur; għax bid-dikjarazzjoni li ma kellux ebda pretensjoni fuq ir-razzett ta' Ħal-Qormi ma għamel ebda rinunzja valida ta' drittijiet immobiljari favur l-attur, għax fl-assenza tal-att publiku meħtieġ mil-liġi għal rinunzja simili dik id-dikjarazzjoni ma kienet produttiva ta' ebda effett ġuridiku, u ma kienet tiswa xejn;

*Ikkunsidrat;*

Illi l-konvenut jippretendi li l-attur ma setgħax jitlob ir-restituzzjoni tal-flus mingħajr ma jitlob ir-rexissjoni tal-ftehim tal-iskrittura privata fuq imsemmija. Dan l-argument ma għandu ebda bażi. L-attur qiegħed jippresupponi l-effikaċja tal-ftehim tal-iskrittura rigward ir-restituzzjoni tal-flus, u jibbaża l-azzjoni fuq dak il-ftehim. U huwa preċiżament dak il-ftehim li jagħtieh id-dritt li jitlob lura l-flus li ħallas lill-konvenut. Il-fatt, mbagħad, li fil-kawża li l-attur kellu ma' *Petronilla Bugeja huwa ma kienx parti, ma jiswa* xejn lill-konvenut għax f'dik il-kawża l-konvenut ma kellux x'jaqsam, u l-obligu tar-restituzzjoni kien dipendenti biss mill-kondizzjoni stipulata fl-iskrittura, u li avverat ruħha definittivament kif ġie mfisser f'din is-sentenza;

Ikkunsidrat;

Fuq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bijennali kontemplata fl-art. 1266(2) tal-Kodiċi Ċivili, eċċepita mill-konvenut, il-Qorti taqbel *mal-Qorti tal-Ewwel Istanza li dik il-preskrizzjoni* mhix applikabbli għall-każ. Dik il-preskrizzjoni tirrigwarda l-azzjoni ta' rexissjoni, u fil-każ preżenti l-attur mhux qiegħed jesperixxi azzjoni ta' rexissjoni, iżda l-az-

zjoni ta' ħlas u restituzzjoni ta' flus, sew għax ir-restituzzjoni kienet pattwita kemm għax il-ħlas safa' bla kawża;

Il-konvenut, fin-nota tiegħu tas-27 ta' April 1962, qajjem ukoll l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bijennali kontra l-azzjoni tal-attur in kwantu din hija azzjoni ta' ripetizzjoni ta' ħlas magħmul indebitament bi żball. Apparti l-fatt li l-attur mhux qiegħed jallega ebda żball għall-ħlas li kien għamel, l-azzjoni, li, kif ingħad fuq, hi waħda ta' restituzzjoni ta' flus għax ir-restituzzjoni kienet pattwita, mhix preskrivibbli f'sentejn, skond il-liġi, iżda b'dik ta' ħames snin skond l-art. 2261 tal-Kodiċi Ċivili;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.